



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5294/25

LIMITE

CORLX 44
CFSP/PESC 71
COARM 10

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tappoġġa proġett dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

li tappoġġa proġett dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi

- (1) L-Istrateġija Globali għall-politika estera u ta' sigurtà tal-Unjoni, intitolata "Shared Vision, Common Action: A Stronger Europe" (Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa aktar b'Saħħitha), u ppublikata fit-28 ta' Ġunju 2016, tikkonferma l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar ta' trattati u reġimi multilaterali dwar id-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi.
- (2) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom, intitolata "Aktar Sigurtà fuq l-Armi biex Niproteġu liċ-Ċittadini". Dik l-Istrateġija tiddikjara, fost oħrajn, li l-Unjoni ser tkompli tippromwovi kontroll responsabbli u effettiv tal-esportazzjoni tal-armi u tappoġġa l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA).
- (3) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK¹ tistabbilixxi tmien kriterji li fuqhom għandhom jiġu vvalutati l-applikazzjonijiet għall-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali. Għadd ta' pajjiżi terzi allinjaw ruħhom ma' dik il-Pożizzjoni Komuni.
- (4) Il-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK jistipula li l-Istati Membri għandhom jagħmlu mill-aħjar sabiex iħeġġu lil Stati oħra li jesportaw teknoloġija jew tagħmir militari biex japplikaw il-kriterji stabbiliti f'dik il-Pożizzjoni Komuni.

¹ Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99, ELI: <http://data.europa.eu/eli/compos/2008/944/oj>).

- (5) Mill-2008 'l hawn, l-attivitajiet tal-Unjoni li jippromwovu kontrolli effettivi u trasparenti tal-esportazzjoni tal-armi żviluppaw wara l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/230/PESK² u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/1012/PESK³, 2012/711/PESK⁴, (PESK) 2015/2309⁵, (PESK) 2018/101⁶, (PESK) 2020/1464⁷ u (PESK) 2023/2539⁸. L-attivitajiet imwettqa appoġġaw, b' mod partikolari, aktar kooperazzjoni reġjonali u aktar trasparenza kif ukoll responsabbiltà akbar, f'konformità mal-prinċipji tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK u l-kriterji ta' valutazzjoni tar-riskju stabbiliti fiha. L-attivitajiet inkwistjoni indirizzaw pajjiżi terzi tal-viċinat tal-Lvant u ta' dak tan-Nofsinhar tal-Unjoni, pajjiżi terzi fl-Asja Ċentrali, u l-Mongolja.

-
- ² L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/230/PESK tas-17 ta' Marzu 2008 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-UE sabiex issir promozzjoni tal-kontroll tal-armi għall-esportazzjoni u l-prinċipji u l-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi bejn pajjiżi terzi (ĠU L 75, 18.3.2008, p. 81, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2008/230/oj).
- ³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/1012/PESK tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-UE għall-promozzjoni tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi u l-prinċipji u l-kriterji tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK fost pajjiżi terzi (ĠU L 348, 29.12.2009, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2009/1012/oj>).
- ⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/711/PESK tad-19 ta' Novembru 2012 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Unjoni sabiex issir promozzjoni, fost pajjiżi terzi, tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi u tal-prinċipji u l-kriterji tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK (ĠU L 321, 20.11.2012, p. 62, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/711/oj>).
- ⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2309 tal-10 ta' Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi (ĠU L 326, 11.12.2015, p. 56, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2015/2309/oj>).
- ⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/101 tat-22 ta' Jannar 2018 dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi (ĠU L 17, 23.1.2018, p. 40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/101/oj>).
- ⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1464 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi (ĠU L 335, 13.10.2020, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/1464/oj>).
- ⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2539 tat-13 ta' Novembru 2023 li tappoġġa proġett dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi (ĠU L 2023/2539, 14.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2539/oj>).

- (6) Għadd ta' pajjiżi kandidati tal-Unjoni rċevew appoġġ fl-ambitu tal-attivitajiet tal-Unjoni biex tippromwovi kontrolli effettivi u trasparenti tal-esportazzjoni tal-armi. Jenħtieġ li tali attivitajiet ulterjuri jkollhom l-għan li jappoġġaw l-aspirazzjonijiet għall-adeżjoni mal-Unjoni ta' dawk il-pajjiżi, u, qabel l-adeżjoni, is-sħubija tagħhom mal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' kontrolli tal-esportazzjoni tal-armi.
- (7) It-TKA għandu l-għan li jsaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà fil-kummerċ tal-armi. L-Unjoni tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni tat-TKA permezz tal-programmi ddedikati tagħha adottati skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2013/768/PESK⁹, (PESK) 2017/915¹⁰ u (PESK) 2021/2309¹¹. Dawk il-programmi jgħinu lil għadd ta' pajjiżi terzi, fuq talba tagħhom, biex isaħħu s-sistemi tagħhom ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi f'konformità mar-rekwiżiti tat-TKA.
- (8) Għaldaqstant huwa importanti li tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' assistenza previsti f'din id-Deċiżjoni u dawk fl-ambitu tal-programmi tal-Unjoni li jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni tat-TKA. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jopera mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fil-forma ta' skambji regolari ta' informazzjoni bejn l-aġenziji ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi, kif ukoll bejn dawk l-aġenziji ta' implimentazzjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Dak il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ser jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' esperti minn Stati Membri oħra kull meta jkun rilevanti.

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-attivitajiet tal-UE f'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 56, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2013/768/oj>).

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 139, 30.5.2017, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2017/915/oj>).

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2309 tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 461, 27.12.2021, p. 78, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/2309/oj>).

- (9) F'dawn l-aħħar snin, l-Unjoni pprovdiet ukoll assistenza biex jittejjbu l-kontrolli tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju f'pajjiżi terzi. Jenħtieġ li tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva bejn l-attivitajiet skont il-proġett previst f' din id-Deċiżjoni u l-attivitajiet rilevanti għal tali kontrolli tal-esportazzjoni.
- (10) L-Uffiċċju Federali Ġermaniż għall-Ekonomija u l-Kontroll tal-Esportazzjoni, Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (BAFA), ġie inkarigat mill-Kunsill bl-implimentazzjoni teknika tad-Deċiżjonijiet 2009/1012/PESK, 2012/711/PESK, (PESK) 2015/2309, (PESK) 2018/101, (PESK) 2020/1464 u (PESK) 2023/2539. Il-BAFA huwa wkoll aġenzija ta' implimentazzjoni għal proġetti li jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva tat-TKA skont id-Deċiżjonijiet 2013/768/PESK, (PESK) 2017/915 u (PESK) 2021/2309. Il-BAFA ilu mill-2005 involut fl-implimentazzjoni ta' għadd ta' proġetti ta' kooperazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kontrolli tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju. Il-BAFA huwa l-awtorità kompetenti għall-kontroll tal-esportazzjoni tal-Ġermanja, u żviluppa korp kbir ta' għarfien u kompetenzi esperti dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, barra milli jikkondividi l-kompetenzi ewlenin tiegħu mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati oħra.
- (11) L-attivitajiet appoġġati permezz ta' din id-Deċiżjoni jikkontribwixxu għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 16 tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom, intitolata "Aktor Sigurtà fuq l-Armi biex Niproteġu liċ-Ċittadini", u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK, l-Unjoni għandha tkompli tappoġġa proġett dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi.
2. L-objettiv tal-proġett imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun li:
 - (a) il-kummerċ internazzjonali tal-armi konvenzjonali jsir aktar responsabbli u trasparenti;
 - (b) jittaffa r-riskju tad-devjazzjoni ta' armi lejn utenti mhux awtorizzati.

L-għanjiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jinkisbu permezz tat-trasferiment ta' għarfien espert bil-mira li jappoġġa l-allinjament mal-istandards legali u operazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, skont il-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK, b'enfasi partikolari fuq il-pajjiżi kandidati tal-Unjoni.
3. L-attivitajiet tal-proġett għandhom jiġu implimentati b'mod li huwa komplementari u f'sinerġija ma' proġetti ta' assistenza tal-Unjoni fil-qasam tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-armi konvenzjonali u tal-oġġetti b'użu doppju u, fejn xieraq, ma' proġetti ta' assistenza ta' donaturi oħra fil-qasam tal-kontrolli tal-esportazzjoni.
4. Deskrizzjoni dettaljata ta' dawn il-proġetti tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mill-Uffiċċju Federali Ġermaniż għall-Ekonomija u l-Kontroll tal-Esportazzjoni, Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (BAFA).
3. Il-BAFA għandu jwettaq il-kompiti tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-BAFA.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni, imsemmi fl-Artikolu 1, għandu jkun ta' EUR 2 100 000,00.
2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 2. Għal dak il-għan, għandha tikkonkludi l-ftehim meħtieġ mal-BAFA. Dak il-ftehim għandu jistipula li l-BAFA għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod adatt għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tgħarraf lill-Kunsill dwar kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u dwar id-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti ta' kull sitt xhur imħejjija mill-BAFA.
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett imsemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkun ġie konkluż ebda ftehim ta' din ix-xorta f'dak il-perjodu.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President